MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2011

Numru 895/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**Vs**

**George Morris Samhon**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' George Morris Samhon ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, iben Morris Samhon u Diana David Anton, imwieled il-Palestina fis-16 ta' Frar 1989, u residenti f'Nru.23, Villa Indiana, Triq Anglu Gatt, Mosta, detentur ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 38077(A), talli bejn l-1 ta' Lulju 2011 u it-3 ta' Awissu 2011, ikkommetta serq minn gewwa "Auntielucy Ltd." sitwata f'zona 2 Qasam Industrijali, Qormi, ghad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess kumpanija, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez elfejn tlett mija disgha u

ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-persuna;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' imputat ghall-imputazzjoni migjuba kontrih, il-Qorti ssib lill-istess imputat hati tar-reat addebitat lilu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat kif ukoll il-fatt li ghandu fedina penali netta.

Ghalhekk wara li rat l-Artikoli 267, 268, 279(b) u 280(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghal perijodu ta' tmintax-il (18) xahar habs, izda billi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi, u partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-imputat irregistra amissjoni bikrija u ghandu fedina penali netta, hemm lok li l-imsemmi terminu ta' prigunerija jigi sospiz, u ghalhekk a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta it-terminu ta' tmintax-il (18) xahar prigunarija qed jigi sospiz ghall-perijodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u

kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------